**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**V**

**GEORGE ANTHONY EDWARDS**
**VICTORIA CHETCUTI**

**Illum, 16 ta' Mejju, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **GEORGE ANTHONY EDWARDS** ta’ sebgha w ghoxrin sena, bin Joseph u Kathleen nee Tottman, imwieled l-Ingilterra nhar l-hamsa ta' Frar, 1974 u joqghod "Alexia", Flat 8, Triq il-Hgejjeg, San Pawl l-Bahar, detentur tal-karta tal-identita 397998M u **VICTORIA CHETCUTI** ta' hamsa w ghoxrin sena bint Joseph u Rose nee Cini, imwielda Pieta nhar t-tnax ta' Frar, 1976 u toqghod "Alexia", Flat 8, Triq il-Hgejjeg, San Pawl l-Bahar, detentrici tal-karta tal-identita 142176M gew mressqa quddiemha akkuzati :

1. talli fit-tmintax ta' Lulju, 2001 u fil-granet precedenti f'diversi inhawi f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghhmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex jgieghlu titwmmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex jqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' elfejn u hames mitt lira maltin bi hsara ta' diversi ricevituri tal-Lottu Pubbliku;

2. talli fl-istess cirkostanzi ffalsifikaw biljetti tal-Lottu Pubbliku li meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jew aktar xjentement ghamlu uzu mill-istess biljetti hekk ffalsifikati.

3. Talli fl-istess cirkostanzi ffalsifikaw karti tal-identita bin-numri 152374M u 143774M jew aktar ghamlu uzu mill-istess karti tal-identita hekk ffalsifikati.

4. Lil **George Anthony Edwards wahdu** talli sar recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali mibghuta nhar t-tnax ta' Marzu, 2002 a fol 90 et seq tal-atti odjerni u cioe fil-konfront ta' George Anthony Edwards u fil-konfront ta' Victoria Chetcuti.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tad-disgha w ghoxrin ta' April, 2002 a fol 94.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti b'verbal tad-disgha w ghoxrin ta' April, 2002 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssib liz-zewg imputati hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-imputati ghamlu tajjeb ghad-danni kollha sofferti minn terzi u li hallsuhom ghal kull pretenzjoni pretiza minnhom. Rat li l-vittmi kollha ta' dan il-kaz huma sodisfatti bil-pagamenti li sarulhom.

Illi ghalhekk il-Qorti tirrileva li s-socjeta ma ssofritx danni materjali in konnessjoni ma dan il-kaz.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputati esibiti fl-atti a fol 8 et seq bhala dokumenti CSH 2 u CSH 3. Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat George Anthony Edwards jirrizulta li l-imputat kien diga nstab hati ta' erbgha akkuzi fosthom reat ta' serq u hsara voluntarja fl-ammont li ma jeccidix l-hamsin lira maltin fis-sena 1990, ta' reat ta' frodi li ma jeccidix l-elf lira maltin fis-sens 1996 u zewg reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku fis-sena 1998.

Rat li huwa diga gie moghti probation inkondizzjonata u gie ordnat jhallas multi zghar.

Illi ghalhekk dan l-agir odjern tal-imputat ma tantx jirrifletti tajjeb fuq l-karattru tieghu ghaliex donnu ppersista fil-hajja tal-kriminalita.  Dan il-komportament jinkwieta hafna lil Qorti ghaliex ghalkemm fil-passat l-ammont ta' serq jew frodi ma kienx kbir, xorta r-reati huma koroh u huwa dover ta' din il-Qorti li tipprotegi lis-socjeta minn dan t-tip t'agir abbuziv tal-imputat.

**Il-Qorti thoss li ghandha tpoggi lil imputat GEORGE ANTHONY EDWARDS taht s-supervizzjoni ta' Probation Officer ghal perjodu massimu ta' tlett snin sabiex bl-ghajnuna prezzjuza ta' dan l-Ufficjal l-imputat jerga jitqieghed fit-triq t-tajba u jibda jgawdi mill-fiducja li jisthoqlu mill-komunita li taghha jaghmel parti.**

**Il-Qorti ghalhekk qed tinnomina fil-konfront tal-imputat GEORGE ANTHONY EDWARDS lil Probation Officer Marietta Lanzon li ghandha ssegwi l-andament tieghu mill-vicin u tirrapporta lura lil din l-istess Qorti kull tlett xhur. F'kaz li dan l-imputat jigi denunzjat mill-Probation Officer nominata li mhux qed jikkopera maghha, il-Qorti ma jkollix triq ohra salv li tibghatu l-habs.**

**Il-Qorti xtaqet timponi piena karcerarja sospiza f'dan il-kaz fil-konfront tal-imputat GEORGE ANTHONY EDWARDS (sospiza peress li l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni sofferti) pero peress li l-Qorti qed ssibu hati tal-akkuza ta' recidiva, l-ligi ma tippermettix tali piena, ghaliex din kien jkollha effett ta' mannara mdendla fuq ras l-istess imputat.**

**Fil-konfront tal-imputata VICTORIA CHETCUTI, il-Qorti rat li din ghandha fedina penali nadifa u cioe minghajr ebda kontranvenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk ghandha titqies bhala *a first time offender*.**

**Il-Qorti ghalhekk qed tikkundanna lil imputata VICTORIA CHETCUTI ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal perjodu ta' erbgha snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9.**

**Filwaqt li qed tikkundanna lil imputat GEORGE ANTHONY EDWARDS ghal hlas ta' multa massima ta' hames mitt lira maltin u tpoggih taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Marietta Lanzon ghal perjodu massimu ta' tlett snin.**

**L-imputat probationer GEORGE ANTHONY EDWARDS ghalhekk qed jobbliga ruhu li jssegwi l-kundizzjonijiet u l-ordnijiet kollha li jigu moghtija lilu mill-Probation Officer Marietta Lanzon u tali Probation Officer ghandha tirrelata lura lil din l-istess Qorti kull tlett xhur dwar l-andament tieghu.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tintbaghat lil Probation Officer Marietta Lanzon.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat GEORGE ANTHONY EDWARDS li jhallas il-multa nflitta fuqu f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt lira maltin b'dan li l-ewwel pagament huwa dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Mejju 2002.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**